# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju 2002**

**Numru 28**

**Citaz. numru 2393/00 DS**

Adrian u Marie Bernardette

konjugi Mifsud

Vs

Paul Muscat

Illum, 21 ta' Mejju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Novembru 2000 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:-

Illi l-konvenut Paul Muscat huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' tlett elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3510) import ta' kambjala li d-data tal-maturita taghha skadiet u li kopja taghha qed tigi hawn ammessa bhala Dokument A;

Illi minkejja li nterpellat jhallas l-ammont dovut il-konvenut baqgha inadempjenti;

Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba attrici anke in vista tal-affidavit hawn anness u markat Dokument 'X';

Talbu lil din il-Qorti:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' Artikoli 167 et sequentia tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur versu l-atturi fis-somma ta' tlett elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3510); u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lil-atturi s-somma ta' tlett elef hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm3510);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kalkolati mis-16 ta' Lulju 2000 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat permezz tal-procedura a tenur ta' l-art. 187 (3) tal-Kap 12;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' ammissjoni pprezentata llum stess;

Fuq tali ammissjoni;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk tiddikjara lill-konvenut debitur versu l-atturi fis-somma ta' Lm3510 u tikkundannah ihallas lill-atturi din is-somma ta' Lm3510. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub.

Onor. Imhallef

Dr. David Scicluna

D/Registratur